

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Ir-responsabbiltà Tal-ġenituri - Il-kustodja Tat-tfal U D-drittijiet Ta' Kuntatt](#) > [Cyprus](#)

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri - il-kustodja tat-tfal u d-drittijiet ta' kuntatt

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)



Ċipru

1 Xi tfisser il-frażi fil-liġi "responsabbiltà tal-ġenituri" fil-prattika? Liema huma d-drittijiet u d-dmirijiet ta' detentur tar-responsabbiltà tal-ġenituri?

Il-kunċett ta' "responsabbiltà tal-ġenituri" jkopri l-għoti ta' isem lill-minuri, il-ħarsien tal-minuri, l-amministrazzjoni tal-beni tagħhom u r-rappreżentanza tagħhom fi kwalunkwe kwistjoni jew tranżazzjoni legali li tkun tirrigwarda lilhom jew il-beni tagħhom. Fil-prattika, huwa jkopri l-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-minuri (bħala individwi) u l-beni tagħhom.

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri hija d-dmir u d-dritt tal-ġenituri li jeżerċitaw din ir-responsabbiltà b'mod konġunt. Responsabbiltà bħal din trid tqis l-interessi tal-minuri (l-Artikolu 6 tal-Liġi 216/1990).

2 Bħala regola ġenerali, min għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fuq l-ulied?

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri ta' minuri tiġi eżerċitata miż-żewġ ġenituri flimkien.

3 Jekk il-ġenituri ma jkunux kapaċi jew ma jridux jeżerċitaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq uliedhom, tista' tinħatar persuna oħra minflokhom?

Iva, f'każijiet bħal dawn, il-Qorti tista' taħtar tutur b'responsabbiltà tal-ġenituri (l-Artikolu 18(2) tal-Liġi dwar ir-Relazzjonijiet bejn il-Ġenituri u t-Tfal, il-Liġi 216/1990).

4 Jekk il-ġenituri jiddivorzjaw jew jinfirdu, ir-responsabbiltà tal-ġenituri kif tkun iddeterminata għall-ġejjieni?

Fil-każ ta' divorzju jew fejn żwieġ jiġi annullat jew iddikjarat null u bla effett, il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri tiġi deċiża mill-Qorti, li tista' tagħtiha lil wieħed jew waħda miż-żewġ ġenituri, jew lit-tnejn flimkien, jew lil persuna terza (l-Artikoli 14 u 15 tal-Liġi 216/1990). Jekk il-Qorti tagħti r-responsabbiltà tal-ġenituri lil ġenitur wieħed biss, hija tista' tiddeċiedi wkoll dwar id-drittijiet ta' aċċess tal-ġenitur l-ieħor għall-minuri, billi tqis l-interess tal-minuri (l-Artikolu 17 tal-Liġi 216/1990).

5 Jekk il-ġenituri jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-

ġenituri, liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati biex il-ftehim jorbot legalment?

Il-Qorti trid toħroġ ordni fuq il-ftehim biex dan isir legalment vinkolanti.

6 Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jilħqu ftehim dwar il-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, liema huma l-mezzi alternattivi biex jiġi solvut il-kunflitt mingħajr intervent tal-qorti?

Attwalment, ma hemmx mezzi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwima għajr proċeduri tal-qorti.

7 Jekk il-ġenituri jmorru l-qorti, liema kwistjonijiet jistgħu jiġu deċiżi mill-imħallef fir-rigward tat-tfal?

L-imħallef jista' jirregola kwalunkwe kwistjoni relatata mal-minuri, inklużi l-kwistjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri, id-drittijiet ta' aċċess, l-edukazzjoni, is-saħħa, l-amministrazzjoni tal-beni, l-isem, il-manteniment, l-ivvjaġġar barra l-pajjiż u s-sekwestru.

8 Jekk il-qorti tiddeċiedi li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-kustodja tal-ulied, dan ikun ifisser li huwa jew hija jistgħu jiddeċiedu dwar l-affarijiet kollha li jirrigwardjaw it-tfal mingħajr ma qabel jikkonsultaw lill-ġenitur l-ieħor?

Le, minħabba li hemm kwistjonijiet, bħall amministrazzjoni tal-beni tal-minuri, li mhumiex koperti mill-“kustodja” fis-sens dejjaq.

9 Jekk il-qorti tiddeċiedi li l-ġenituri għandu jkollhom il-kustodja konġunta ta' uliedhom, dan xi jfisser fil-prattika?

Fil-prattika, kustodja konġunta tfisser li l-ġenituri jridu jiddeċiedu flimkien dwar kwistjonijiet relatati mal-minuri tagħhom. Dan normalment ifisser li l-minuri jgħix b'mod indaqs maż-żewġ ġenituri.

10 Għand liema qorti jew awtorità għandi nirrikorri jekk inkun irrid nippreżenta rikors dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri? Liema formalitajiet għandhom ikunu rrispettati u liema dokumenti għandi nehmeż mar-rikors tiegħi?

Il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni hija l-Qorti tal-Familja fid-distrett fejn il-minuri jkun abitwalment residenti. Il-proċedimenti jibdew billi jiġi ppreżentat rikors ta' bidu mingħajr affidavit. F'dan l-istadju ma tkun meħtieġa l-ebda dokumentazzjoni ta' akkumpanjament.

11 Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet? Jista' wieħed jagħmel użu minn proċedura ta' emerġenza?

Ir-rikors jiġi nnotifikat lill-parti l-oħra li tintalab tidher quddiem il-Qorti fid-data speċifikata fir-rikors, sabiex issostni l-veduti tagħha. F'każijiet li jinvolvu minuri, ma hemm l-ebda proċedura ta' emerġenza apparti mill-każijiet ta' sekwestru ta' minuri. Madankollu, minħabba n-natura tagħhom, il-qorti jiżguraw li tingħata prijorità lill dawn il-każijiet. Barra minn hekk, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 30 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Ċipru japplikaw għal dawn il-proċedimenti kollha; id-dispożizzjonijiet imsemmija jsostnu li l-proċedimenti kollha quddiem qorti jridu jitlestew fi żmien raġonevoli.

12 Nista' nikseb għajnuna legali biex inkopri l-ispejjeż tal-proċedura?

Iva, bil-kundizzjoni li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-liġi u tkun ksibt inġunzjoni dwar dik il-materja skont il-Liġi 165(I)/2002.

13 Ikun possibbli li jsir appell kontra deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri?

Iva. Tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell tal-Familja.

14 F'ċerti każijiet, jista' jkun meħtieġ li wieħed japplika lill-qorti jew lil awtorità oħra għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Liema proċedura tapplika f'każ bħal dan?

Il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni li tinforza ordni ta' responsabbiltà tal-ġenituri hija l-qorti li tkun f'arġent ta' dik l-ordni. Il-proċedimenti jinbdew billi jiġi ppreżentat rikors b'taħrika mingħajr *affidavit*, billi tintuża l-formola tat-Tip I imsemmija fir-Regolament Proċedurali 2/90.

15 X'għandi nagħmel biex deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor tiġi rikonoxxuta u infurzata f'dan l-Istat Membru?

Inti trid tirreġistra r-rikors għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni skont l-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003. Ir-rikors jenftieġ li jiġi rreġistrat mal-Qorti tal-Familja fid-distrett fejn jgħix il-minuri, jew fejn jgħix il-konvenut jekk il-minuri jkun jgħix f'pajjiż ieħor.

16 F'liema qorti f'dan l-Istat Membru għandi nirrikorri biex nopponi r-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri maħruġa minn qorti fi Stat Membru ieħor? Liema proċedura tapplika f'dawn il-każijiet?

Il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni hija l-Qorti tal-Familja fid-distrett fejn jgħix il-minuri, jew fejn jgħix il-konvenut jekk il-minuri jkun jgħix f'pajjiż ieħor.

Meta r-rikors imsemmi hawn fuq jiġi nnotifikat lill-konvenut, dan ikun intitolat li jidher u jirreġistra difiża kif speċifikat fil-Liġi 121(I)/2000. Dawk il-proċedimenti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003.

17 Liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti fi proċediment dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri meta t-tfal jew il-partijiet ma jkunux jgħixu f'dan l-Istat Membru jew ikunu ta' nazzjonalitajiet differenti?

Tapplika l-liġi tar-Repubblika ta' Ċipru, u, b'mod partikolari, il-Liġi 216/1990. Fejn l-ebda waħda mill-partijiet ma tkun tgħix f'Ċipru, il-Liġi 216/1990 tgħid li l-Qrati tal-Familja tar-Repubblika ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jisimgħu l-każ.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



L-aħħar aġġornament: 19/02/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.